TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 2/12/GZ

**Ninian Mangion**

**vs**

**Annalise Calleja/Christopher Callus - New Generation Phones**

Illum 29 ta' Ottubru 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-4 ta' Jannar, 2012 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' mitejn u tmenin Ewro (€280.00), rapprezentanti l-prezz li huwa hallas ghal 'mobile phone', liema 'mobile phone' kien difettuz u li meta nha lura ghand is-socjeta' ntimata ghat-tiswija, is-socjeta' ntimata ma sewwietux pero' zammet l-istess 'mobile phone' fil-pussess taghha.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa kien xtara 'mobile phone' f'Novembru 2010 minghand is-socjeta' ntimata, pero' wara biss ftit gimghat kellu jiehu dan l-imsemmi 'mobile phone' lura ghand is-socjeta' ntimata ghat-tiswija, stante illi kellu xi problema fl-ispeaker. Is-socjeta' ntimata kienet haditlu l-'mobile phone' flimkien mal-garanzija u kienet tat 'repair sheet' lir-rikorrent.

Ir-rikorrent kien sempliciment talab lis-socjeta' ntimata sabiex issewwi dan id-difett fil-'mobile phone', pero' s-socjeta' ntimata kienet gabet hafna skuzi, bhal per ezempju, illi kien hemm bzonn li tingieb 'part' minn barra, pero' certament li l-ebda 'part' ma tiehu sena sabiex tasal.

Ir-rikorrent u anke ommu, Mrs Nadine Mangion, kienu marru diversi drabi ghand is-socjeta' ntimata sabiex jigi rritornat dan il-'mobile phone', pero' kien dejjem ghal xejn, u l-imsemmi 'mobile phone' ghadu fil-pussess tas-socjeta' ntimata sa l-gurnata ta' llum.

Ir-rikorrent ezebixxa kopja tar-'repair sheet' datata 28 ta' Dicembru 2010.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta s-socjeta' ntimata kienet ghadha ma baghtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi allavolja r-rikorrent ma ghandux fil-pussess tieghu l-ircevuta ta' meta nxtara l-'mobile phone' in kwistjoni, u dana stante l-fatt illi tali rcevuta tinsab fil-pussess tas-socjeta' ntimata, flimkien mal-garanzija u l-imsemmi 'mobile phone', xehdet omm ir-rikorrent, Nadine Mangion, bil-gurament, fejn hija kkonfermat li l-'mobile phone' kien inxtara ghall-prezz ta' mitejn u tmenin Ewro (€280.00)

Ir-rikorrent ezebixxa l-kaxxa tal-'mobile phone' in kwistjoni *animo ritirandi* waqt is-seduta.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parte tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrent, billi ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata, u jikkonkludi, hekk skond il-provi, illi s-socjeta' ntimata naqqset b'mod kbir fis-servizz taghha lejn ir- rikorrent konsumatur, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrent, u jordna lis-socjeta' ntimata tirritorna l-'mobile phone' difettuz in kwistjoni lir-rikorrent, u thallas l-ammont ta' mitejn u tmenin Ewro (€280.00) lir-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**